KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 345**

**T-Tnejn 4 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**345.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

345.1.1 Inqrat l-ittra t'appoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

**345.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

345.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 344. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 344 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**345.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

345.3.1 Is-Sindku qalet li l-għada ta' kull attivita' li ssir mill-Kunsill Lokali iċ-Ċentru Ċiviku qed iservi ta' store għall-affarijiet li qed jintużaw waqt l-attivita', filwaqt li s-suppliers jibdew ġejjin u sejrin jiġbru l-materjal tagħhom li jista' jkun ta' periklu. Minħabba dan il-fatt li hu inevitabbli u biex ikun evitat kull inkonvenjent fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku proponiet li l-għada ta' kull attivita' tal-Kunsill ma jsirux attivitajiet oħra bħal korsijiet u servizzi oħra li ssoltu jingħataw fis-sular ta' isfel. Minkejja dan il-ħidma tal-Kunsill tibqa waħda normali u ta' rutina. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

345.3.2 Is-Sindku qalet li rċeviet email mit-tabib li joffri s-servizz tal-podjatrija fil-Berġa. Hu lmenta li peress li ma hemx arja kondizjonata fil-Berġa is-sitwazzjoni għalih hi inaċċettabbli u qal li lest ma jofrix is-Servizz. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għaddejj b'ħidma u studji minn ingineer biex janalizza l-ahjar sistema għal arja kkundizzjonata fiċ-ċentru kollu. Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali mhux infurmat li hemm xi regola i jista' jitwaqqaf servizz tas-saħħa jekk ma jkunx hemm arja kundizzjonata. Hi qalet li sakemm tiddahhal s-sistema jista'jkun hemm fan iehor f'din il-kamra izda jekk ikun hemm insistenza li jitwaqqaf dan s-servizz minhabba li m'hemmx A/C, il-Kunsill Lokali se jressaq dinl-materja għand l-awtoritajiet u se jinsisti li s-servizz jibqa' jingħata. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz m'għandux jitwaqqaf u li għandu jipproċedi kif propost mis-Sindku.

345.3.3 Is-Sindku aġġornat lil Kunsill dwar il-proġett tal-housing estate fejn qalet li wara pressjoni mir-residenti qed tisejjaħ laqgħa pubblika għar-residenti fil-post fejn qed isir il-proġett. Din se ssir fis-13 ta' Settembru fi 6pm fi Triq Dun Manwel Zammit.

345.3.4 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li l-laqgħa mal-Ministeru responsabbli minn Transport Malta saret. Kien hemm diskussjoni dwar Triq ta' Kilpa, u issues oħra li l-kunsill jiltaqa' magħhom ta' kuljum b'rabta ma traffic management.

345.3.5 Is-Sindku qalet ukoll li l-Awtorita tal-Ippjanar qegħda tevalwa l-applikazzjoni minn Noah's Arc għas-sanzjonar tal-izvillupp. Is-Sindku qalet

li hi qeghda membru fil-Bord tal-Ippjannar li se jiehu decizjoni fuq din l-applikazzjoni. Hi qalet li bħala Kunsill Lokali m'għandniex naċċettaw li ż-żona tibda tiġi kummerċjalizzata, speċjalment billi l-ewwel isir żvilupp imbgħad wieħed japplika għalsanzjonnar. Hi qalet ukoll li minkejja li fl-applikazzjoni hemm imnizzel li dan se jkun *therapautic zoo-* l-attivitajiet sa issa mhumiex prinċiplament għal terpija u ma hemm l-ebda dokumentazzjoni li tikkonvinci li l-għan prinċipali mhux se jkun kummerċjali. Is-Sindku qalet ukoll li mal-applikazzjoni hemm annessa ittra li l-applikant laħaq ftehim mal-Kunsill Lokali ta'Birzebbugia biex jitħawlu siġar f'għalqa f'Birżebbugia. Is-Sindku qalet li se titlob li jekk jiġi sanzjonat l-proġett, is-siġar jitħawlu fis-Siġġiewi għax fl-aħħarnett l-impatt ambjentali jkun sar fuq is-Siġġiewi.

345.3.6 Is-Sindku infurmat lil Kunsill bi skema għall-libreriji fejn il-kunsill jingħata l-istess ammont li l-kunsill ikun nefaq f'proġett gaħl-librerija bil-għan li jinċentiva u jgħin persuni bi bżonnijiet speċjali jaqraw il-kotba. Sar qbil li l-kunsill jipparteċipa f'din l-iskema billi jinxtraw kotba ghal tfal li ghandhom dyslexia.

**345.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

345.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**345.5 Bring in site fi Triq Borg Olivier**

345.5.1 Is-Sindku qalet li wara li tneħħew il-kontenituri tal-iskart miz-zona ta' hesri, il-Bring in Site fi Triq Salvu Borg Olivier mhux qed tlahhaq mad-domanda ghall-iskart bil-konsegwenza li qed jithalla skart fit-triq u qed iwassal għal aktar abbuz. Is-Sindku ppropniet li fiż-żona jitpoġġew set iehor ta' Bring in Sites. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

**345.6 Żvillupp ta' solar farms fis-Siġġiewi**

345.6.1 Is-Sindku qalet li qed tinnota numru ta applikazzjonijiet biex jibdew isiru numru ta solar farms fuq art agrikola fis-Siġġiewi. HI stqaret li hi tal-posizzjoni li art agrikola għandha tintuza għal skop agrikolu anki għal fatt li dawn is-solar farms għadhom effett fuq l-viżwal tal-ambjent rurali. Hi talbet lil kunsilliera biex jibgħatu suġġerimenti dwar dan is-suggett sabiex fil-ġejjieni il-kunsill ifassal u jiddiskuti mozzjoni dwar is-suġġett.

**345.7 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena**

345.7.1 Is-Segretarju nforma lil kunsill li kien għadu għaddej il-proċess ta' verifika mill-accountant tal-kunsill u talab lil kunsill biex din il-materja tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**345.8 Skema għal Restawr ta' wirt Storiku**

345.8.1 Is-Sindku qalet li reġgħat fetħet l-iskema għal restawr ta' bini storiku. Hi proponiet li nerġgħu naplikaw biex tkun irrestawrata l-faċċata tal-Kappella tal-qtugħ ir-ras ta' San Gwann. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**345.9 Revizjoni tal-Budget tal-Kunsill Lokali għas-sena 2017.**

345.9.1 Is-Sindku talbet lis-Segretarju jispjega. Is-Segretarju pprezenta lil kunsill lokali eżerċizzju tal-infieq tal-kunsill lokali sa Awwissu 2017 kkumparat mal-budget allokat għal kull settur għas-sena 2017. F'dan il-kuntest is-Segretarju elenka l-oqsma fejn il-kunsill għandu jikkontrolla l-infieq tiegħu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**345.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

345.10.1 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar ħaxix li jinqata mit-toroq u li qed jibqa fit-triq bla ma jinġabar. Is-Segretarju għandu jkellem lil kuntrattur.

345.10.2 Il-Kunsillier Clayton Cutajar reġa tkellem dwar lapida ta' żmien il-Gwerra li kienet inqalat minn Triq Ramija biex terġa ssib posta f'din it-triq. Is-Sindku qalet li zaret il-post iżda ż-żona fejn tista ssir l-lapida hija limitata fl-ispazju. Se ssir żjara oħra biex jigi finalizzat fejn hu possibli li ssir.

345.10.3 Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem ukoll fuq Triq Ramija u semma l-ħtieġa li l-kennies jgħaddi aktar ta spiss minħabba l-ħaxix li jinġema fiż-żona. Il-Kunsillier tkellem ukoll dwar bżonn ta patching fi triq Wied Hesri.

345.10.4 Il-Kunsillier Mark Anthony Vassallo tkellem dwar it-tilqima għall-anzjani. Hu għandu jikkordina mal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

345.10.5 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar *Clean up event* ppjanata li ssir għas-16 ta' Settembru 2017 fis-Siġġiewi.

**345.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

345.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**345.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

345.12.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 25 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |